**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2018**

Numru 4

**Appell Nru. 21/2018**

**Kunsill Lokali Siggiewi u Flimkien ghall-Ambjent Ahjar**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Antoine Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Antoine Vella proprio u f'isem Vella Vella Brothers & Sons tas-16 ta' April 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2018 li laqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti Kunsil Lokali tas-Siggiewi u b'hekk hassar it-tibdil ta' skedar skond decizjoni tal-Awtorita tat-28 ta' Mejju 2015 kif pubblikat fl-Avviz tal-Gvern 903 tal-2015 u regga' lura l-process ta' bdil ta' skedar fl-istadju ta' qabel ittiehdet id-decizjoni ta' tibdil b'mod illi l-Awtorita terga' tippublika t-talba ghat-tibdil fl-iskedar tas-sit in ezami u tipprovdi zmien xieraq biex tilqa' sottomissjonijiet mill-Kunsill u persuni ohra interessati qabel tiddeciedi fuq it-

talba b'mod li jkun rez pubbliku kull rapport li jitressaq quddiem l-Awtorita ghad-decizjoni;

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali Siggiewi li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-ghaqda non-governattiva Flimkien ghall-Ambjent Ahjar li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Ikkunsidra:
> Illi l-appellanti, ossia l-Kunsill Lokali tas-Siggiewi u l-ghaqda ambjentali non-governattiva, Flimkien ghall-Ambjent Ahjar resqu dawn l-aggravji, bl-ewwel aggravju ta' natura preliminari, hekk kif gej:
> 1. Illi l-Awtorita' naqset li tikkunsulta jew semghet il-fehma tal-Kunsill Lokali kif inhi obbligata bil-ligi li taghmel bi ksur tal-provedimenti tal-Artikolu 33(1)(i) tal-Kap 363 u l-Artikolu 4(6) tal-European Charter of Local Self-Government li Malta hija firmatarja.
> 2. Illi s-sit de quo jaghmel part minn zona tal-Irdumijiet mal-punent ta' Malta skedat skont l-Avviz tal-Gvern numru 400 tal-1996, liema sit gie ukoll indikat bhala sit ta' Special Area of Conservation skont l-Avviz tal-Gvern numru 112 tal-2007. Ghaldaqstant is-sit huwa wiehed protett mhux biss a bazi tal-ligi tal-ippjanar imma anke f'termini ta' harsien ambjentali;
> 3. Illi s-sit kien wiehed ta'livell minuri ta' harsien, ossia buffer zone, u dan sabiex ihares mhux biss is-sit innifsu imma sabiex jilqa' kontra kull impatt fuq l-oggettiv ewlieni tal-protezzjoni, cioe, l-art ewlenija li qed tigi mharsa b'livell ghola ta' harsien;
> 4. Bi tnehhija ta' tali buffer zone ikun possibbli li attivita li tista tkkun ta' hsara ghall-harein ekologiku ser ikun possibbli li tkun permessa, bhal ma diga gara fuq is-sit bi thaffir u estensjoni illegali tal-barriera li hija munita b'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 662/97
>
> L-ewwel aggravju;
> Illi l-appellanti qed jikkontednu li l-Awtorita' fid-decizjoni li tbiddel l-iskedar tas-sit kellha l-obbligu li tikkunsulta mal-Kunsill Lokali koncernat tenut illi tali decizjoni qed jigi affetwat sit li jinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali rispettiv, li

b'mod dirett jew indirettament tali decizjoni tolqot ir-residenti li l-Kunsill huwa responsabbli ghalihom.

Illi Artiklu 33(1) tal-Kap 363 qed jiddifenixxi l-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali, b'dan illi fis-sub-paragrafju '(i)' jipprovdi hekk: "li jagħti pariri lil u, meta dan ikun japplika, li jkun ikkonsultat minn kull awtorità li jkollha s-setgħa li tieħu xi deċiżjonijiet li direttament jew indirettament jolqtu l-Kunsill u lir-residenti li jkun responsabbli għalihom;"

Illi minn naha l-ohra, l-Kap 504 [Applikabbli fil-kaz odjen] jiddefenixxi l-livell u stadji ta' konsultazzjonijiet mal-pubbliku kif ukoll entitajiet Governattivi u Kunsilli Lokali. F'kaz ta' process ta' Skedar, l-Artikolu 81 ma jipprovdi ebda stadju ta' konsultazzjoni.

Illi l-Artikolu 81 jipprovdi mezz lill-Awtorita' sabiex minn zmien ghal zmien tirrevdi l-lista ta' skedar, imma l-ligi hija siekta dwar il-process ta' kif l-Awtorita' ghandha tibdel jew tirrevedi skedar ezistenti, hlief illi f'kaz ta' meta l-Awtorità tneħħi proprjetà skedata mill-iskeda jew meta jbaxxu l-livell ta' protezzjoni ta' proprjetà skedata, ghandu jkun hemm l-aċċettazzjoni tal-Ministru.

Illi mill-process u l-inkartament tal-GF 124/08, dan it-Tribunal seta' jinnota li talba ta' de-scheduling tas-sit inkwisjoni kienet giet mressqa minn persuna li ghandha nteress fl-art, ossia l-operatur tal-barriera numru 31, f'Ta' Mmejrek, fil-limiti tas-Siggiewi, billi l-art inkwistjoni tifforma parti mill-konfini tan-Nofsinhar tal-istess barriera.

Illi fil-kaz odjern, dan it-Tribunal jinnota li bhala aggravju kif prezentat huwa wiehed limitat fuq obbligu o meno tal-Awtorita' li tikkonsulta mal-Kunsilli Lokali dwar kull decizjoni li tolqot il-lokalita' koncernanti. Hawnhekk, l-aggravju jrid jigi kunsidrat b'mod aktar fil-fond, u f'dan ir-rigward, dan it-Tribunal ezamina fid-dettal il-principju elenkat minn tali aggravju, ossia d-dritt ta' konsultazzjoni o meno fid-decizjoni ta' de-scheduling.

F'kaz ta' skedar, il-ligi tippermetti lill-Awtorita' li tasal ghal skedar minghajr obbligu ta' pubblikazzjoni jew konsultazzjoni, u jkun biss wara li jigi pubblikat l-iskedar, is-sidien jew minn hu nteressat jista jirrikorri ghal-rimedju ta' rikonsiderazzjoni (mis-sid) jew ta' appell quddiem it-Tribunal.

F'kaz ta' bidla jew d-descheduling il-ligi hija siekta – pero huwa l-fehma ta' dan it-Tribunal illi gjaladarba skedar huwa ppubblikat u ghaldaqstant fid-dominju pubbliku, ikun ukoll utli – anzi obbligu fuq l-Awtorita' li tinforma b'mod pubbliku li ser ikun hemm proposta ta' tibdil jew sahansitra tnehhija ta' skedar. Dan johrog mill-fatt li "The scheduling process was made in the public interest, in the interest of present and future generations in order to preserve the natural and cultural heritage" [Aquilina K. (1999): Development Planning Legislation, p. 449]. F'dan il-kaz huwa ukoll fl-interess pubbliku li talba jew process ta' descheduling tigi reza pubblika u tkun ikun suggett ghal konsultazzjoni mal-partijiet interessati qabel ma l-Awtorita' tasal ghal tali decizjoni finali.

Ta' minn isemmi li fil-process twil ta' din it-talba ta' de-scheduling odjern, l-Awtorita' kienet f'komunikazzjoni kontinwa mal-applikant u dan tal-ahhar gie notifikat kemm bir-rakomandazzjoni tal-Heritage Planning Unit [Ittra a fol 20 qabel l-ewwel decizjoni tal-Awtorita tat-23 Gunju 2010, u e-mail a fol 95 fil-process ta' rikonsiderazzjoni fl-inkartament tal-GF 124/08], kif ukoll gie maghrraf bid-decizjonijiet tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar [Ibid. Ittra a fol 21 dwar l-ewwel decizjoni tal-Awtorita, u ittra bid-data tal-24 ta' Settembru 2015 dwar l-ezitu tad-decizjoni ta' rikonsiderazzjoni].

Ghalhekk, kif l-Awtorita' ghazlet li tilqa' sottomissjonijiet tal-persuna direttaemnt interessata, ossia l-applikant, kellha l-obbligu li twessa' tali konsultazzjoni ma kull persuna li jistgha jkollha nteress fil-process ta' talba ta' descheduling, inkluz il-Kunsill Lokali koncernat u l-ghaqdiet ambjentali non-governattivi. F'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Awtorita' kellha tippubblika tali applikazzjoni sabiex tilqa' ghal sottomissjonijiet mill-pubbliku, u dan fid-dawl ta' principji ta' partecipazzjoni u trasparenza, inluz principju ta' gustizzjoni naturali tal-audi et alteram partem, fid-decizjonijiet li jistghu jittiehdu.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel aggravju skont kif gie kunsidrat hawn fuq f'din id-decizjoni, ihassar id-decizjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' Mejju 2015, u konsegwentament qed jannulla t-tibdil fl-iskedar kif pubblikat fl-Avviz tal-Gvern 903 tal-2015, u qed iregga lura l-process fl-istadju ta' qabel id-decizjoni, b'dan illi l-Awtorita' ghandha tippubblika t-talba ghal tibdil fl-iskedar tas-sit inemzai u tipprovdi zmien xieraq sabiex tilqa' s-sottomissjonijiet mill-Kunsill Lokali u minn persuni nteressati rispettivament u terga tiddeciedi mill-gdid it-talba ta' de-scheduling ta' parti mis-sit skedat kif pubblikat fl-Avviz Legali GN 400 tal-1996, b'dana illi jkunu rezi pubblici kull rapport li jitressaq quddiem l-Awtorita' ghad-decizjoni.

F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

Jordna lill-Awtorita' sabiex tippubblika r-revoka tal-Avviz tal-Gvern numru 903 tal-2015 tat-18 ta' Settembru 2015 skont din id-decizjoni tat-Tribunal.

Jordna sabiex kopja ta' din id-decizjoni tigi prezentata lill-Ministru tat-Transport, Infrastruttura u Progetti Kapitali sabiex jiehu konjizzjoni ta' din id-decizjoni u jikkunsidra li jipprovdi regolamenti li jistabilixxu process ta' kif l-Awtorita' tal-Ippjanar ghandha tasal ghal decizjoni fuq talbiet dwar bdil jew tnehhija ta' proprejta' skedata.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-okkju hu zbaljat fis-sens li l-kjamat fil-kawza hu Antoine Vella personalment kif konfermat mit-Tribunal b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2015 u l-isem Vella Brothers & Sons Limited fl-okkju hu zbaljat. L-appellant hu socju f'Vella Brothers & Sons;
2. It-Tribunal naqas li jikkonsidra l-eccezzjoni preliminari tal-appellant dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-Kunsill Lokali u l-Ghaqda Flimkien ghall-Ambjent Ahjar li jressqu l-appell quddiem it-Tribunal;
3. It-Tribunal mar ultra vires il-poteri tieghu ghax mhux biss hassar it-tibdil ta' skedar tas-sit in kwistjoni izda ghamel ordnijiet lil Awtorita kif ghandu jinzamm il-process ta' descheduling u wkoll ordna kopja tad-decizjoni tat-Tribunal tintbaghat lil Ministru tat-Trasport biex jikkunsidra li jipprovdi regolamenti li jistabilixxu process ta' kif l-Awtorita tasal ghal decizjoni fuq talbiet dwar bdil jew tnehhija ta' proprjeta skedata. L-artikolu 3 tal-Kap. 551 ma jaghtix tali poteri lit-Tribunal izda biss ta' revizjoni ta' decizjonijiet tal-Awtorita;
4. Id-decizjoni tat-Tribunal li jannulla d-decizjoni tal-Awtorita bazata fuq xi obbligu ta' participazzjoni ta' terzi fil-process, jew ta' trasparenza, jew audi alteram partem hu legalment skorrett.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggarvju gie sorvolat billi l-okkju gie korrett biex jirrifletti sew il-partijiet u ghalhekk dan l-aggravju ma fih ebda siwi f'dan l-istadju.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju hu wiehed li jwaqqaf lil din il-Qorti milli tikkonsidra l-mertu proprju tal-appell. Hu car illi saret eccezzjoni preliminari dwar l-interess guridiku tal-appellati Kunsill Lokali Siggiewi u Ghaqda Flimkein ghal Ambjent Ahjar li jressqu l-appell quddiem it-Tribunal. Tali eccezzjoni hi wahda perentorja u ta' ordni pubbliku li t-Tribunal kellu jqis u jiddeciedi qabel jidhol fil-qalba tal-kwistjoni. Din il-Qorti ma tqis illi eccezzjoni simili kellha tigi injorata qisha anqas biss saret specjalment meta l-appell ta' dawn l-entitajiet gie milqugh mit-Tribunal. Din ma kinitx eccezzjoni li bin-nuqqas ta' decizjoni dwarha ma kintix ser tbiddel is-sustanza tal-appell imma kienet eccezzjoni li min-natura taghha jekk fondata tistronka kull kunsiderazzjoni dwar l-ilmenti migjuba mill-appellanti quddiem it-Tribunal. Dan in-nuqqas da parti tat-Tribunal ma jistax jigi sorvolat mill-Qorti u anqas tqis li ghandha tiddeciedi hi bla ma tirrispetta d-dritt ta'

doppio esame li taghti l-ligi fuq kwistjonijiet jew punti ta' ligi mqajma, kif inhu dan l-aggravju u l-eccezzjoni mqajma quddiem it-Tribunal.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh u ma hemmx lok li din il-Qorti tinvesti ulterjorment l-aggravji ta' dan l-appell.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant u kwindi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2018 u tibghat l-atti lit-Tribunal biex jerga' jisma u jiddeciedi l-appell mill-gdid in linea ma' dak deciz. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur